# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Novembru 2021**

**Fl-atti tal-manda ta' sekwestru Ezekuttiv nru:1764/2021 mahrug nhar it-22 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet:**

**Princess Holdings Limited (C72528)**
**vs**
**Ina Gherghel (ID 68170A)**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors ta' Ina Ghergel tal-14 ta' Ottubru 2021 fejn ghar-ragunijiet fih premessi talbet lill-Qorti jogghobha:

i. Thassar u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv ntavolat nhar l-10 ta' Settembru 2021, bin-numru 1764/2021 u dan stante li ma jezisti ebda titolu ezekuttiv favur is-socjeta intimata;

ii. Tordna konsegwentement illi jinhareg l-opportun kontro-mandat u li jsiru n-notifiki skond il-ligi a spejjez tas-socjeta intimata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess fejn Dr Ylenia Agius ghas-socjeta intimata iddikjarat li se tipprezenta l-kontro-mandat fir-registru tal-Qorti bil-visto ta' Dr Joseph Calleja, l-avukat difensur tar-rikorrenti, stante li l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv mertu ta' dawn il-proceduri sar bi zvista

In vista ta din dikjarazzjoni il-Qorti qed tilqa t-talbiet tar-rikorrenti u:

1. Tordna t-thassir u r-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv intavolat fl-10 ta' Settembru 2021 bin-numru 1764/2021

2. Tordna konsegwentament li jinhareg l-opportun kontro-mandat u li jsiru n-notifiki skond il-ligi a spejjez tas-socjeta intimata.

Il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta intimata

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**